31979R2225

12.10.1979 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 257/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2225/79

tad-9 t'Ottubru 1979

li jemenda Regolament (KEE) Nru 1784/77 rigward iċ-ċertifikazzjoni tal-ħops

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħops [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 235/79 [2], u partikolarment l-Artikolu 2(4) li joħroġ minnu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-operazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1784/77 tad-19 ta' Lulju 1977 rigward Iċ-ċertifikazzjoni tal-ħops [3] uriet li l-iċċekkjar tal-piż nett tal-koni tal-ħops, li għandu jkun msemmi fiċ-ċertifikat, ikkawza f'ċerti każijiet diffikultajiet tekniċi; billi għandha ssir disposizzjoni ħalli tippermetti li l-piż gross ikun indikat fuq iċ-ċertifikat flimkien ma' jew minflok il-piż nett,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 5(1)(c) tar-Regolament (KEE) Nru 1784/77 huwa għalhekk emendat biex jinqara' kif ġej:

"(ċ) il-piż net u/jew gross; "

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 9 t'Ottubru 1979.

Għall-Kunsill

Il-President

D. O'MALLEY

---

[1] ĠU L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1.
[2] ĠU L 34, tad-9.2.1979, p. 4.
[3] ĠU L 200, tat-8.8.1977, p. 1.